**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**11 ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 29/2023**

**Saviour Portelli**

**Vs**

**Awtorità ta' l-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Saviour Portelli** ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*Illi dan hu appell minn deċiżjoni tal-intimata Awtorita' tal-Artijiet tal-15 ta' Frar 2023 li permezz tagħha l-istess Awtorita' irrifjutat talba tal-esponent li kienet saritilha fit-12 ta' Marzu 2022, li ġġib in-numru GLA1/2022/1746, u li biha l-esponent kien talab li jiġi lilu trasferita b'titolu ta' kera ta' għalqa magħrufa bħala 'Ta' San Niklaw', Triq il-Mitjar ta' San Niklaw, Siġġiewi, ta' ċirka sitt elef u disa mitt metru kwadru (6900 m.k.) u liema għalqa ġġib in-numru SGWO 4865223 (qabel L477/65/2266) u kif murija fil-pjanta hawn annessa bħala Dok. 'SP' u fis-Survey-Sheet hawn annessa bħala Dok. 'SP1', a tenur tal-artiklu 31 (a) jew (b) tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi hu kien ilu jaħdem u jużа din l-art sa minn qabel is-sena 1991, u liema rifjut sar għar-raġuni li "parzjalment din il-propjeta' hi mikrija lill terzi u parzjalment l-art hi soġġetta għal-ordni ta' infurzar mill-Awtorita' tal-Ippjanar", u dan kif joħroġ minn kopja tal-istess ittra tal-Awtorita' hawn annessa bħala Dok. 'A'.*

*Illi l-fatti huma fil-qosor is-segwenti:*

*Illi l-esponent ilu jokkupa l-għalqa magħrufa bħala 'Ta' San Niklaw', fi Triq il-Mitjar ta' San Niklaw, Siġġiewi, waħda minn diversi għelieqi magħrufa b'dan l-isem, sa minn qabel is-sena 1991 tant illi fl-20 ta' Awwissu 1991 hu kien għamel talba lid-Dipartiment*

*tal-Art jirrikonoxxiħ f'din il-biċċa art. Din it-talba kienet ġiet acknowledged fit-2 ta' Settembru 1991 bir-referenza 1477/65/2266. Din it-talba ma kellha l-ebda eżitu.*

*Fis-snin 2021/2022 l-Awtorita' tal-Artijiet nediet skema ġida magħrufa bħala GLA1, biex dawk li kienu qed jokkupaw xi art tal-Gvern setgħu jitolbu għall-akkwist b'titolu ta' kera. Saħansitra kienet saret laqgħa għal dawk interessati u li l-esponent attenda.*

*Illi fir-rigward, l-ewwel ħaġa li għamel l-esponent kienet li bgħat email lill-Awtorita' tal-Artijiet fit-12 ta' Jannar 2022 biex jinfurmha li hu kellu applikazzjoni pendenti, u ċioe' dik bir-referenza bir-referenza 1477/65/2266. Madankollu, dakinhar stess, hu ġie nfurmat b'email mill-Awtorita' tal-Artijiet li peress li dik l-applikazzjoni kienet waħda antika hu ried jinkariga perit biex jerġa japplika taħt din l-Iskema 'l ġdida. Illi għalhekk l-esponent inkariga lill Perit is-sur Tihomir Giorgiev biex japplikalu taħt din l-Iskema. Din l-applikazzjoni saret fit-12 ta' Marzu 2022 u ġiet acknowledged b'email tal-Awtorita' tal-Artijiet tas-16 ta' Marzu 2022 taħt in-numru GLA1/2022/1746.*

*Illi sakemm l-Awtorita' tal-Artijiet iddeċidiet fuq din l-applikazzjoni l-esponent qatt ma ġie avviċinat mill-istess Awtorita' biex jikkjarifikalha xi ħaġa.*

*Illi għalhekk l-esponent kien sorpriż mhux ftit meta ġie infurmat bil-miktub li l-applikazzjoni tiegħu ma seteghtx tġi milqugħa għar-raġunijiet imsemmija f'dik l-ittra.*

*Illi l-esponent ħassu aggravat mid-deċiżjoni hawn fuq imsemmija tal-Awtorita' tal-Artijiet u għalhekk qed jinterponi appell minnha lill dan l-Onorabbli Tribunal u dan għar-raġunijiet kif hawn taħt imsemmi:*

*1. Illi dwar l-ewwel raġuni mogħija mill-Awtorita' intimata għar-rfjut, u ċioe' dik li parzjalment din il-propjeta' hi mikrija lill terzi, l-esponent jissottometti bir-rispett illi:*

*(a) Hu ilu jokkupa l-art de quo sa minn qabel l-1991 tant illi fl-20 ta' Awwissu 1991 l-esponent kien diġa kiteb lid-Dipartiment tal-Art tal-Gvern biex hu jiġi mogħti titolu ta' kera mill-istess Dipartiment ta' din il-biċċa art u dan kif jidher minn kopja ta' acknowledgement datat it-2 ta' Settembru 1991 bir-referenza 1477/65/2266 u li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness bħala Dok. 'B'. Meta ħarġet l-Iskema GLA1 hu ssottometta dak kollu rikjest, inklużi l-pjanti dwar l-art de quo.*

*(b) Illi oltre' dan, hu ilu reġistrat għal diversi snin mal-ARPA bħala l-bidwi li jaħdem din il-biċċa art u dan kif jirriżulta wkoll mill-aħħar Ċertfikat tal-Impriża Agrikola (Holding) u Survey-Sheet maħruġa mill-ARPA u li kopja tagħhom huma hawn annesi bħala Dok. 'C1' u 'C2'. Fid-Dok. C2 l-art de quo hi mmarkata bl-linji suwed.*
.
*(c) Illi f'dawn l-aħħar tnejn u tletin (32) sena l-ebda terza persuna qatt ma vvantat xi titolu fuq din l-art u hu l-unika persuna li okkupa din l-art u għalhekk ma jistax jifhem kif l-Awtorita' appellata issa qed tallega li din l-art hi parzjalment mikrija lill terzi. Illi l-esponent jaħseb illi fil-fatt dak li ġara hu li peress li fl-inħawi ta' din l-art hemm diversi artijiet magħrufa bħala 'Ta' San Niklaw', l-Awtorita' tal-Artijiet appellata bidlet biċċa art m'oħra u/jew m'għandhiex ir-records tagħha miżmuma b'mod tajjeb u dan ciononstante li mal-applikazzjoni tiegħu hemm esebiti l-pjanti preċiżi għal-liema biċċa art l-applikazzjoni tiegħu tirreferi.*

*2. Illi dwar it-tieni raġuni mogħtija mill-Awtorita' għar-rifjut, u ċioe' dik illi parzjalment l-art hi soġġetta għal-ordni ta' infurzar mill-Awtorita' tal-Ippjanar, l-esponent jissottmetti bir-rispett illi:*

*(a) Hu sar jaf li kien hemm parzjalment ordni ta' infurzar mill-Awtorita' tal-Ippjanar proprju u preċiżmanet mit-tweġiba ta' rifjut tal-Awtorita' tal-Artijiet li qed tiġi appellata u li ġġib id-data tal-15 ta' Frar 2023.*

*(b) Appena illi hu sar jaf li kien hemm din l-Ordni hu talab lill Perit tiegħu biex jagħmel il-verifiki meħtieġa u wara li dan għamel hekk dan infurmah illi fil-fatt kien hemm ordni ta' infurzar fuq l-art in kwsitjoni u li kienet b'konessjoni ma' container u struttura oħra tal-metal u dan kif jidher minn kopja tal-istess Ordni li hi hawn annessa bħala Dok. 'D', u li l-Perit Tihomir Giorgiev għaddielu. Fil-fatt, kif jidher minn din l-Ordni, 'Is-Sid/Okkupant' tal-art hu indikat bħala 'Mhux Magħruf'. Hu qatt ma kien ġie innotifikat b'xi mod b'din l-Ordni. Lanqas qatt ma ġie avviċinat mill-Awtorita' tal-Artijiet biex jagħti xi spjegazzjoni dwar dan.*

*(c) Illi fi kwalsiasi każ, peress li kemm il-container u kif ukoll l-istruttura tal-metal (xi ħadid imwaħħal mal-entratura) imsemmija fl-Ordni ta' Infurzar kienu tneħħew żmien qabel, hu ta struzzjonijiet lill Perit tiegħu biex jitlob lill Awtorita' tal-Ippjanar tneħħi l-Ordni ta' Infurzar. Din it-talba diġa saret, ġiet pproċessata u hu ġie nfurmat mill-Perit tiegħu li l-Ordni ta' Infurzar kienet ġiet imneħħija.*

*Illi għalhekk, kif jidher mis-suespost, l-Awtorita' tal-Artijiet appellata m'għandha l-ebda raġuni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt għalxiex għandha tirrifjuta li tagħtih b'titolu ta' kera l-art magħrufa bħala 'Ta' San Niklaw', Triq il-Mitjar ta' San Niklaw, Siġġiewi, kif murija fuq il-pjanta Dok. SP u fuq is-Survey-Sheet Dok. SP1, li hu ilu jokkupa għal aktar minn tnejn u tletin sena u dan kif reġa' minnu ġie mitlub bl-applikazzjoni tiegħu li ġġib in-numru GLA1/2022/1746 tat-12 ta' Marzu 2022. Fil-fatt, kieku qabel ma ħadet id-deċiżjoni tagħha tar-rifjut l-Awtorita' tal-Artijiet appellata indagat mal-appellant dwar ir-raġunijiet tagħha għar-rifjut, din il-vertenza setgħet ġiet risolta mingħajr il-ħtieġa tal-esponent li jirrikorri lejn dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lill dan l-Onorabbli Tribunal biex wara li jkun sema' l-provi, ikun jogħoġbu, li kemm għar-raġunijiet premessi u kif ukoll għal-raġunijiet oħra li jistgħu jinġiebu 'l quddiem waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, li jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni amministrattiva meħuda fil-konfront tiegħu mill-Awtorita' tal-Artijiet appellata u liema deċiżjoni kienet ġiet lilu notifkata b'ittra tal-15 ta' Frar 2023, u dan peress li l-istess deċiżjoni hi waħda żbaljata fil-fatt u fid-dritt u tordna lill Awtorita' tal-Artijiet appellata biex tirrikonoxxi b'titolu ta' kera lill esponent fl-għalqa magħrufa bħala 'Ta' San Niklaw', Triq il-Mitjar ta' San Niklaw, Siġġiewi, kif murija fuq il-pjanta Dok. SP u fuq is-Survey-Sheet Dok. SP1.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fis-27 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija risposta għar-Rikors tal-Appell ta' Saviour Portelli KI0161051M*
2. *Illi l-appellant qed jappella minn deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet datata ħmistax ta' Frar, elfejn tlieta u għoxrin (15/02/2023) li permezz tagħha ġiet irrifjutata mill-istess Awtorita' , it-talba tar-rikorrenti biex:*
3. *Request to the Lands Authrity for the Disposal of Governent Property in terms of Article 31 (a) or 31 ( b) of Chapter 573 of the Laws of Malta with reference to your request regarding disposal of Site, Triq il-Mitjar ta'San Niklaw, Siġġiewi*

*Illi r-raġuni li ingħatat mill-Awtorita intimata f'dik l-istess ittra sureferita kienet peress li*
*The Disposal of Site cannot be acceeded to since it is partly leased to third parties and partly the subject of unresolved Enforcement action by the Planning Authority*

4. *Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavola dan l-appell;*
5. *Illi l-Awtorita' tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrenti:-*

***Elenku ta' Punti fuq l-Aggravji tal-Appell***

I. *Illi mill-Appell innifsu intavolat mir-rikorrnti jidher li r-rikorrenti stess qed jammetti u jaċċetta li jissussistu r-raġunijiet indikati mill-Awtorita' intimata li permezz tagħhom, l-istess Awtorita' ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrenti;*
II. *Illi dawn ir-raġunijiet ta' rifjut ser jiġu ppruvati fil-perkors ta' dan l-appell;*
III. *Illi rwol tal-Awtorita' mhuwiex li tidħol fin-natura ta' alzzjoni ta' infurzar li l-proċess tagħha jkun għaddej minn entita' oħra , iżda illi r-responsabilta' tal-Awtorita' intimata tkun dik li b'xi azzjoni tagħha ma tkunx qed tinċensa fejn hem irregolaritajiet li jaqgħu taħt is-superviżjoni ta' entita' oħra. Għalhekk f'dan il-każ kieku effettivament, l-Awtorita' approvat l-applikazzjoni kien ikun ifisser li qed tapprova irregolaritajiet li qed jiġu eżaminati minn entita' oħra.*
IV. *Illi, di piu'. ma nġiebet l-ebda prova li fil-mument li saret l-applikazzjoni , din l-azzjoni ta' infurzar mill-Awtorita' tal-Ippjanar ma kinitx għadha fis-seħħ*
V. *Illi rigwardanti il-parti mil-propjeta' li qed tinkera minn terzi , il-fatt li effetivament kien hemm okkupazzjoni tar-rikorrent, jekk verament huwa il-każ u f'dan il-każ irid jiġi pruvat mir-rikorrent, ma jneħħi xejn mill- possibilta li parti mis-sit hekk okkupat ikun qed jinkera minn xi persuna oħra;*
VI. *Illi inoltre r-raġunijiet li ngħataw mill-Awtorita' intimata ċertament jilħqu it-tragward prefiss mill-qrati nostrani ta' 'duty to give reasons'*
VII. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet għandha ukoll kull dritt tirrifjuta applikazzjoni biex jinkera sit amministrat minnha;*
VIII. *Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' hija waħda ġusta kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza u bbażżata fil-limiti tad-diskrezzjoni mogħtija bil-liġi.*
IX. *Illi f'kull każ l-Awtorita' intimata ser iġġib il-provi kollha waqt dan l-Appell sabiex tissostanzja d-deċiżjoni li ngħatat għal rifjut*
X. *lli l-Awtorita' qed tirriserva argumenti u provi ulterjuri*
XI. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għala dan l-Appell għandu jintlaqa'*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet u tiċħad dan l-appell;*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 15 ta' Frar 2023 li permezz tagħha ġie nfurmat li t-talba tiegħu sabiex l-Awtorita` tiddisponi minn sit ġewwa Triq il-Mitjar ta' San Niklaw, Siġġiewi kienet ġiet rifjutata peress li l-istess sit kien parzjalment mikri lil terzi u kien ukoll suġġett għal Ordni ta' Twettiq u Nfurzar da parti tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar.

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni prinċipalment abbażi tas-segwenti raġunijiet:-

1. Huwa ilu jokkupa l-art in kwistjoni għal ċirka tnejn u tletin (32) sena u ebda terz qatt ma vvanta xi titolu fuq l-istess art, tant li ilu snin twal irreġistrat mal-ARPA bħala bidwi li jaħdem l-istess art;
2. Dwar l-Ordni ta' Nfurzar huwa sar konxju tagħha permezz tad-deċiżjoni appellata u immedjatament inkariga Perit biex jivverifika mal-Awtorita` tal-Ippjanar x'kien l-oġġett tal-istess Ordni. Minn verifiki li għamel il-Perit tiegħu irriżulta li l-Ordni nħarġet għaliex kien hemm *container* u struttura tal-ħadid fis-sit, liema oġġetti kienu pero` tneħħew żmien qabel. Għalhekk ir-rikorrent talab lill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex titneħħa l-Ordni ta' Nfurzar, kif fil-fatt sar.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jikkunsidra l-ewwel aggravju tar-rikorrent, u ċioe` li l-Awtorita` intimata meta ġiet biex tiproċessa l-applikazzjoni rriżultalha li parti mis-sit mitlub kien ġia` mikri lil terzi.

**Noel Gauci,** *Manager* mal-Awtorita` intimata, pproduċa pjanta spjegattiva dwar liema porzjon kienet intalbet mir-rikorrent, liema porzjon kellha Ordni ta' Nfurzar fuqha u liema porzjon kienet mikrija lil terzi. Dan kollu huwa illustrat fuq pjanta esebita a fol. 42 tal-proċess fejn il-parti delinejata bl-aħmar hija dik mitluba mir-rikorrent, il-parti delinejata bl-aħdar kien hemm Ordni ta' Nfurzar fuqha u l-parti delinejata bil-blue hija mikrija lil terzi.

Illi waqt ix-xhieda tiegħu Noel Gauci ġie mistoqsi jekk kienx jaf lil min kienet mikrija din l-art, pero` x-xhud ma kienx f'posizzjoni li jwieġeb dak

il-ħin u għalhekk id-difensur tal-Awtorita` intimata stqarret li jkunu jistgħu iressqu tali prova fil-mori. It-Tribunal talab li apparti li l-Awtorita` tipprova dan il-fatt, tesebixxi wkoll il-kuntratt ta' kera tat-terz u kwalunkwe pjanti annessi miegħu. Illi għalhekk sussegwentement l-Awtorita` pproduċiet kuntratt magħmul ma' ċertu Carmelo Farrugia li permezz tiegħu l-istess Farrugia ġie konċess b'kera s-sit numru 38, San Niklaw, Siġġiewi. Illi meta wieħed iqabbel il-pjanta a fol. 52 sottomessa mir-rikorrent mal-applikazzjoni tiegħu lill-Awtorita`, il-pjanta annessa mal-kuntratt ta' Carmelo Farrugia a fol. 74, u l-pjanta tal-Awtorita` intimata a fol. 45 jirriżulta ċar illi parti mis-sit mitlub mir-rikorrent jesporġi fuq art biswit, u dan kif spjega Noel Gauci fix-xhieda tiegħu, liema art hija dik mikrija lil Carmelo Farrugia permezz tal-kuntratt hawn fuq ċitat.

Ir-rikorrent ipproduċa bħala xhud lill-imsemmi Carmelo Farrugia, u ċioe` l-kerrej tas-sit numru 38, San Niklaw, Siġġiewi, li allura l-Awtorita` intimata qed tallega li jokkupa parti mill-art li r-rikorrent talab li tiġi trasferita fuqu. Muri l-pjanta annessa mal-kuntratt ta' kirja, Farrugia wieġeb li s-sit numru 38 kien mikri lilu filwaqt li s-sit 39 kien mikri lil martu. Huwa kkonferma li huwa għadu jaħdem l-istess raba u li pero` huwa ma daħalx fir-raba tar-rikorrent u li r-rikorrent ma daħalx fir-raba tiegħu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, għalkemm forsi Carmelo Farrugia mhux koxju li r-rikorrent qiegħed jokkupa porzjon żgħir mir-raba tiegħu, il-fatti juru li porzjon mis-sit numru 38, li l-Awtorita` kkonċediet lill-istess Farrugia, jifforma parti mit-talba tar-rikorrent u qiegħed jiġi okkupat minnu. Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi meta l-Awtorita` rriżultalha illi dan il-porzjon kien jifforma parti minn art ikbar diġa mikrija, ma setgħetx tipproċedi biex tilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrent. Naturalment il-buon sens hekk jitlob. Madanakollu dak li setgħet tagħmel l-Awtorita`, in vista li l-porzjon li ma setgħetx titrasferixxi kien wieħed żgħir komparat mas-sit kollu, huwa li tissenjala dan il-fatt lir-rikorrent u jekk ikun il-każ tistiednu jissottometti pjanta emendata. Illi għalhekk it-Tribunal filwaqt li se jikkonferma l-ewwel raġuni tar-rifjut tal-applikazzjoni huwa tal-fehma illi l-Awtorita` setgħet imxiet mod ieħor fl-ipproċessar tagħha tal-applikazzjoni.

Illi t-Tribunal se jdur issa għat-tieni raġuni mogħtija fir-rifjut tal-Awtorita` intimata, u ċioe` li t-talba tar-rikorrent ma setgħetx tiġi milqugħa peress li s-sit kien milqut minn Ordni ta' Nfurzar. Illi ġie ppruvat, permezz tar-rappreżentant tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar Ian Galea, illi fid-data li saret l-applikazzjoni u fid-data tad-deċiżjoni, l-Ordni ta' Nfuzar kienet għadha viġenti u dan stante li kien biss fis-7 ta' Marzu 2023 li tneħħiet l-istess

Ordni.[1] Dan huwa ammess anke mir-rikorrent innifsu stante li stqarr illi huwa ma kellux konoxxenza tal-istess Ordni u kien biss wara li rċieva d-deċiżjoni appellata li ħa ħsieb li l-istess Ordni titneħħa in vista li l-oġġetti li dwarhom ħarġet l-Ordni kienu ilhom li tneħħew. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Awtorita` riedet timxi fuq dak li oġġettivament kien qed jirriżultalha mir-*records* tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Ċertament ma setgħetx tinjora Ordni ta' Nfuzar u la darba l-istess Ordni kienet għadha viġenti allura ma kien hemm xejn żbaljat jew irraġjonevoli fit-tieni raġuni għar-rifjut.

Għaldaqstant it-Tribunal ma jħossx illi d-deċiżjoni appellata kienet waħda żbaljata fil-fatt u fid-dritt, għalkemm kif ingħad iktar 'il fuq l-Awtorita` setgħet tat opportunita` lir-rikorrent jirrevedi l-pjanta sottomessa minnu qabel ħadet deċiżjoni finali.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

____________________
**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________
**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**

[1] Dokument a fol. 90